MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR
## GUDIKATUR DR.
## DEBORAH MIFSUD ATTARD

Seduta tat-13 ta' Frar, 2014

Talba Numru. 598/2008

Teresa **Mifsud et**

**Vs**

**Stone Bridge Limited**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismjiet premessi pprezentat fit-8 ta' Awissu, 2008 fejn l-atturi qalu li huma sidien tal-fond 71 Triq ix-Xatt Sliema. Illi s-socjeta' konvenuta jew agenti taghha kkawzaw danni lill-atturi fl-imsemmi fond. Illi l-istess socjeta' kienet bdiet tinkariga persuni biex jaghmlu tiswijiet ghall-hsarat minnhom kagonati.

Illi s-socjeta' konvenuta minkejja li ntrabtet li taghmel tajjeb ghall-hsarat kollha, naqset milli taghmel it-tiswijiet kollha mehtiega.

Illi d-danni li soffrew l-atturi u li ghalihom ghadha ma ghamlitx tajjeb is-socjeta konvenuta jammontaw ghal elf u sitt mitt ewro u dan kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Ghaldaqstant, l-atturi jitolbu lit-Tribunal jikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas is-somma ta' elf u sitt mitt ewro (€1,600).

Bl-ispejjez gudizzjarji u bl-imghaxijiet sad-data tal-effettiv pagament.

Is-socjeta' konvenuta wara li giet debitament notifikata pprezentat risposta fejn ecceppiet illi s-socjeta' konvenuta mhux il-legittima kontradittrici u ghandha tigi liberate ab observantia.

Illi bla pregudizzju ghas-suespost f'kull kaz l-ammont reklamat huwa eccessiv u esagerat.

Illi t-talbiet attrici attrii huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjez kollha kontra l-atturi.

Illi fis-seduta tal-5 ta’ Mejju, 2009 is-socjeta' konvenuta rrinunzjat ghall-ewwel eccezzjoni.

Xehed il-Perit Frederick Valentino li qal li kien inkarigat minn Maria Mifsud biex jikkonstata dwar hsarat li garrab l-appartament f’The Strand Sliema. Il-Perit elenka l-hsarat. Dawn il-hsarat lahhqu ghal mija u sitta u hamsin Lira Maltija li jammontaw ghal tlett mija u tlieta u sittin ewro u tmienja u erbghin centezmu (€363.48).

Maria Mifsud wahda mill-atturi xehdet permezz ta’ affidavit fejn qalet illi hija toqghod fil-fond in kwistjoni u hija sid tal-fond flimkien ma ommha u hutha. Tghid illi s-socjeta' konvenuta bdiet taghmel xogholijiet ta’ kostruzzjoni fil-fond adgacenti. Qabel inbdew ix-xogholijiet kien intbaghat perit jaghmel spezzjoni fuq l-istat tal-manutenzjoni tal-fond. Il-familja Mifsud min-naha taghha qabbdet il-perit Valentino.

Meta nbeda x-xoghol ta’ kostruzzjoni mis-socjeta konvenuta l-fond tal-atturi beda jsoffri hafna hsarat li elenka wkoll il-perit Frederick Valentino kif ukoll Charles Zammit il-bajjad. Minbarra dawn l-atturi kellhom iqabbdu wkoll maid ghal prezz ta’ sebgha u ghoxrin ewro u hamsa u disghin centezmu (€27.95). Inkissritilhom it-targa ta’ barra wkoll. Wara li x-xhud tkellmet ma' Adrian Muscat tal-kumpanija konvenuta, hu kien baghatha ghand Halmann taghzel irham li trid u hi ghazlet l-istess tip ta’ rham li hemm prezenzjalment. L-atturi inkorrew spiza ta’ mija u wiehed u hamsin ewro u wiehed u erbghin centezmu (€151.41) tar-rapport ta’ Perit Valentino u spiza ta’ hames mija u erbghin ewro u tmintax il centezmu (€540.18) ghal xoghol fuq il-faccata ta’ barra, hitan ta’ wara u l-bejt.

Xehed Owen Farrugia li huwa *salesman* mas-socjeta' Halmann Vella li kkonferma d-dokument ta’ stima tat-tarag li gie pprezentat a fol 31 tal-process.

Xehed Paul Attard li huwa d-Direttur tas-socjeta konvenuta. Il-kumpanija konvenuta bdiet tibni appogg mal-proprjeta tal-atturi u peress illi l-bini tal-atturi kien bini antik, is-socjeta' konvenuta tellghet qoxra u ma bnietx mal-hajt ezistenti. Jghid ukoll illi kienet saret laqgha biex jigu elenkati l-hsarat li kien hemm. Fosthom kien

hemm il-problema tat-targa ta’ barra. Izda l-konvenuti kienu biss disposti li jbiddlu targa wahda mhux kollha kif qed tippretendi l-attrici.

Xehed Adrian Muscat li huwa direttur tal-kumpanija konvenuta. Ikkonferma li l-kumpanija konvenuta bniet aggacenti mal-proprjeta tal-atturi izda bnew qoxra minhabba li l-bini kien antik. Jghid illi kien ikun fuq il-lant tax-xoghol ta’ spiss. Jiftakar illi l-atturi lmentaw illi kien waqa xi zebgha mal-kamra tal-bejt. Dan ix-xoghol il-kumpanija konvenuta kienet lesta taghmlu pero jikkonferma illi l-post ma kienx mizmum fi stat tajjeb ta’ manutenzjoni. Jiftakar illi l-aktar haga li lmentaw dwarha kienet it-targa ta’ barra peress illi kellha bicca mtajra. Is-socjeta konvenuta kienet lesta li tibdel it-targa izda mhux it-tarag ta’ barra kollu.

Xehdet Maria Mifsud in kontroezami fis-seduta tal-10 ta’ Dicembru, 2012 fejn ikkonfermat illi toqghod fil-fond in kwistjoni ma' ommha. Dwar l-istat ta’ manutenzjoni tghid illi avolja hallew il-faccata kif kienet pero gewwa huwa mizmum tajjeb. Tghid illi dak li qed jitolbu l-atturi huma hsarat li sehhew wara l-kostruzzjoni.

It-Tribunal wara li semgha x-xhieda u ra d-dokumenti li gew ipprezentati jinsab konvint illi l-atturi soffrew danni mix-xogholijiet ta’ kostruzzjonili kienet qed taghmel is-socjeta' konvenuta. Ghalkemm l-atturi baqghu ma pprezentawx somma li tirrifletti x-xogholijiet kollha li ghandhom bzonn isiru wara l-hsara mgarrba, ghaliex daqqa jsemmu l-faccata, daqqa jsemmu tindif ta’ hamrija u ebda stima ma' taqbel ma ohra, pero t-Tribunal b’ekwita jillikwida l-ammont ghal elf ewro (€1,000) liema ammont ghandu jithallas mis-socjeta' konvenuta lill-atturi.

Ghaldaqstant it-Tribunal jilqa' t-talba attrici pero ghal ammont ta’ elf ewro (€1,000) li ghandhom jithallsu mis-socjeta' konvenuta lill atturi bl-imghax id-data tas-sentenza sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez ikunu a karigu tas-socjeta' konvenuta.

## < Sentenza Finali >

-------------------------------TMIEM--------------------------------